Kulleġġ Santa Margerita
Skola Primarja Żabbar B, 16, Triq l-Iskola, Żabbar, ŻBR1371

**T** 25985220 **E** smc.zabbar.prb@ilearn.edu.mt

2 ta' Ġunju 2021

Għeżież Ġenituri/Kustodji

Wasalna fl-aħħar ta' sena skolastika tassew b'differenza. Minkejja d-diffikultajiet, min ħadem id f'id mal-iskola jaf li għamilna minn kollox biex din is-sena xorta tkun esperjenza sabiħa għat-tfal kollha.

L-iskola tispiċċa nhar il-Ħamis 24 ta' Ġunju. Is-sena d-dieħla, t-tfal jibdew ir-raba' sena tal-esperjenza tagħhom fil-primarja fl-iskola tagħna u rridu nkomplu fuq dak li bnejna din is-sena, bit-tajjeb u l-ħażin kollu. B'mod jew ieħor, f'Settembru ssir laqgħa magħkom u t-tfal. Ninfurmawkom b'aktar dettalji qabel tibda l-iskola.

Sadanittant, qed nibagħtulkom żewġ listi.

L-ewwel lista hija l-lista tas-soltu, tal-affarijiet bażiċi li t-tfal ser ikollhom bżonn fir-Raba' Sena. Din il-lista mhux kompluta u meta nibdew l-iskola f'Settembru, l-għalliema jkomplu jżidu magħha. Iżda din il-lista għandha tgħin biex wieħed jibda jipprepara minn qabel.

- 5 pitazz rigi wisgħin
- 1 pitazz tal-kaxxi(1 cm)
- Pakkett foolscaps b' żewġ toqob
- 2 red flat files, 2 blue flat files, 1 green flat file, 1 pink flat file
- Sketchpad, black marker
- Pencil Case (pokit) - 2 biros blu (ma jitħassrux), biro ħadra, lapes, gomma, temprina,riga twila u oħra qasira trasparenti
- Glue stick, kuluri, imqass bla ponta
- Mini whiteboard jew karta A4 laminated
- Whiteboard marker, duster
- Highlighter isfar
- 2 sheets labels
- Kaxxa tissues (għal taħt id-desk), wet wipes
- Folder tal-buttuna abjad (għall-'homeworks')
- Folder oranġjo (għall-ART)
- Name tag

Matul is-sena skolastika l-ġdida, it-tfal ser ikollhom bżonn numru ta' affarijiet, inkluż djarju u numru ta' booklets li jintużaw matul is-sena. Bejn wieħed u ieħor, il-prezz tad-djarju u l-booklets ikun ta' €30.

It-tieni lista hija ferm aktar importanti. Hija lista ta' affarijiet li t-tfal iridu jkunu jafu sew sakemm jibdew ir-Raba' Sena. Il-bajtra ma taqa' f'ħalq ħadd. Fir-Raba' Sena jibda l-paniku żejjed tal-eżamijiet. Jekk tridu li uliedkom imorru tajjeb fl-eżamijiet mela araw li anke fis-Sajf ikomplu jaħdmu b'mod bilanċjat imma regolari. Din il-lista hija essenzjali biex meta t-

tfal jibdew ir-Raba' Sena, jibdew fuq sieq tajba. Għalxejn insibu l-iskużi – ċertu affarijiet it-tfal iridu jistudjawhom. Jekk hemm bżonn iridu jistudjawhom kuljum sakemm idaħħluhom f'moħħhom. Jistudjawhom billi jgħiduhom, jiktbuhom jekk hemm bżonn anke għal erba', ħames jew għaxar darbiet sakemm jitgħallmuhom. It-tfal iridu jkunu jafu:

- Jiktbu isimhom, kunjomhom u l-indirizz
- In-numri tat-telefon importanti bl-amment
- Jiktbu l-ittri u n-numri sew
- Jużaw imqass
- It-tables tat-2, 3, 5 u 10
- Il-pari tan-numri li jagħmlu 10 (eżempju 3 u 7)
- In-numri mill-1 sal-100, bil-quddiem u b'lura.
- In-numri li jiġu qabel u wara numru (eżempju jekk għandi n-numru 10, qablu jiġi n-numru 9 u warajh jiġi n-numru 11)
- Il-ħin (is-siegħa, u nofs/o'clock, half past)
- Jiktbu l-ġranet tal-ġimgħa, ix-xhur u l-istaġuni bil-Malti u bl-Ingliż
- X'inhu nom, verb u aġġettiv bil-Malti u bl-Ingliż
- Jużaw il-punteġġjatura kif suppost (ittri kbar, full stop, eċċ).

Fil-bidu tas-sena skolastika, it-tfal ser jiġu assessjati għal dawn il-ħiliet bażiċi.

Matul ix-xhur tas-Sajf, nistiednu lit-tfal kollha biex jieħdu sehem fis-Summer Challenge 2021. Dettalji dwar din l-attività daqt issibuhom fuq is-sit elettroniku tal-iskola. Is-sit huwa http://smc.zabbarb.skola.edu.mt/. Fuq is-sit elettroniku tal-iskola ssibu wkoll informazzjoni u dettalji utli, inkluż il-kalendarju tal-attivitajiet tal-iskola. Tistgħu wkoll issegwu l-Facebook page tal-iskola.

Fl-aħħar nett nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzjakom tal-fiduċja u l-kooperazzjoni matul ix-xhur li għaddew. Is-sapport tagħkom f'dan iż-żmien kien ifisser ħafna.

Tislijiet



Charlot Cassar
Kap tal-Iskola